

# SEJĦA GĦALL-ESPRESSJONIJIET TA' INTERESS GĦALL-AĠENTI TEMPORANJI

## ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TRADUZZJONI (DGT)

### COM/TA/AD/03/20 - TRADUTTURI TAL-LINGWA IRLANDIŻA (AD 5)

*Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni: 17.03.2020 sa 12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell*

L-għan ta' dawn il-proċeduri ta' selezzjoni huwa li tiġi stabbilita lista ta' nies bil-kompetenza li minnha d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea msemmi hawn fuq jirrekluta l-aġenti temporanji bħala **"tradutturi"** (fil-grupp funzjonali AD).

Fil-qafas ta' dawn il-proċeduri ta' selezzjoni, kwalunkwe referenza għal persuna ta' ġeneru speċifiku trid titqies li tikkostitwixxi wkoll referenza għal persuna ta' kull ġeneru ieħor.

Din is-sejħa u l-annessi tagħha jiffurmaw il-qafas legalment vinkolanti għal dawn il-proċeduri tas-selezzjoni.

#### **L-għadd ta' kandidati li jridu jintgħażlu: 50**

Il-kandidati li jintgħażlu jistgħu jingħataw kuntratt temporanju skont it-Titolu I, 2b) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg li japplikaw għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-politiki għall-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji (li attwalment qed jiġu riveduti).

Il-perjodu inizjali tal-kuntratt huwa ta' erba' snin għall-aġenti temporanji 2b) u jista' jiġġedded għal perjodu massimu ta' sentejn.

It-tul taż-żmien totali tal-kuntratt iqis ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 dwar it-tul massimu ta' rikors għall-persunal mhux permanenti (seba' snin fuq perjodu ta' 12-il sena), kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9028 final tas-16 ta' Diċembru 2013 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 2548 final tal-5 ta' April 2019.

***Ta' min wieħed jinnota li l-kuntratti li jistgħu jingħataw lill-kandidati li jgħaddu se jkunu għal pożizzjonijiet fl-uffiċċji tal-Kummissjoni fl-Irlanda (Grange, Co Meath) u/jew fi Brussell. Fil-formola tal-applikazzjoni, il-Kandidati huma mitluba jindikaw f'liema minn dawn il-postijiet jippreferu jaħdmu.***

Malli jidħlu fis-servizz, il-kandidati li jgħaddu u jiġu offruti kuntratt ta' impjieg se jkunu kklassifikati fl-ewwel jew fit-tieni pass tal-grad rilevanti, skont kemm ikollhom snin ta' esperjenza professjonali. Bħala indikazzjoni, mill-1 ta' Lulju 2019, is-salarji bażiċi ta' kull xahar huma:

Għall-Grad AD 5:

- Il-pass nru 1: EUR 4,883.11
- Il-pass nru 2: EUR 5,088.30

Il-paga tal-membri tal-persunal tikkonsisti f' salarju bażiku ssupplimentat b' għotjiet speċifiċi, li fejn ikun japplika jinkludu sussidji għall-espatrijazzjoni u għall-familja. Id-dispożizzjonijiet li jiggwidaw il-kalkolu ta' dawn is-sussidji jinstabu fil-[Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra](#).

## **I - X'KOMPITI GĦANDI NISTENNA LI NAGĦMEL?**

Il-kandidati li jgħaddu jkunu mistennija li jittraduċu d-dokumenti mill-Ingliż għall-Irlandiż. It-testi li jkunu jridu jiġu tradotti, li ħafna drabi jkunu kumplessi, ġeneralment ikunu ta' natura politika, ġuridika, ekonomika/finanzjarja, xjentifika jew teknika, u jkopru s-setturi kollha tal-attività tal-Unjoni Ewropea. Il-kompiti jistgħu jkunu jinkludu wkoll ir-riċerka tat-terminoloġija u r-reviżjoni ta' traduzzjonijiet (kemm li jsiru minn kollegi impjegati, kif ukoll dawk li jsiru minn kuntratturi esterni). Ix-xogħol tad-traduzzjoni u tal-kompiti rilevanti l-oħra jeħtieġu l-kompetenza diġitali u l-użu intensiv ta' għodod speċifiċi tal-IT u oħrajn relatati.

## **II - JIENA ELIĠIBBLI BIEX NAPPLIKA?**

**Sad-data tal-iskadenza** tal-applikazzjonijiet online, trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi KOLLHA. Tul il-kompetizzjoni, *l-Awtorità tal-Ħatra* tivverifika jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà filwaqt li l-Kumitat tal-Għażla jivverifika l-konformità tiegħek mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibbiltà msemmija hawn taħt:

### **1) Il-kundizzjonijiet ġenerali:**

- Tkun tgawdi mid-drittijiet kollha bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE
- Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-ligijiet nazzjonali dwar is-servizz militari
- Tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet ikkonċernati

### **2) Kundizzjonijiet speċifiċi - il-lingwi:**

L-Artikolu 12.2(e) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra (CEOS) jipprevedi li l-aġenti temporanji jistgħu jinħatru biss bil-kundizzjoni li jagħtu l-provi li jkollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra.

Irid ikollok għarfien ta' **mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali tal-UE**. Irid ikollok livell ta' għarfien C2 (għarfien perfett) tal-lingwa Irlandiża (l-ewwel lingwa) u livell minimu C1 (għarfien tajjeb ħafna) tal-Ingliż (it-tieni lingwa). Dawn il-lingwi t-tnejn jintużaw għat-testijiet tar-reviżjoni, tat-traduzzjoni, u għall-intervista.

Ta' min wieħed jinnota li l-livelli minimi meħtieġa hawn fuq iridu japplikaw għal kull ħila lingwistika (it-taħdit, il-kitba, il-qari u s-smiġh) mitluba fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-ħiliet jirriflettu dawk li jinsabu fil-*Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi* (<https://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>).

**L-ewwel lingwa trid tkun l-Irlandiż.**

**It-tieni lingwa trid tkun l-Ingliż.**

Billi l-maġġoranza l-kbira tad-dokumenti li jidħlu fl-Unità Irlandiża jridu jiġu tradotti mill-Ingliż, il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż biex jiġu reklutati.

### **3) Kundizzjonijiet speċifiċi - kwalifiki u esperjenza ta' xogħol:**

- Trid tkun lestejt kors ta' studju ta' *mill-inqas 3 snin* f'università attestat b'diploma, jew l-ekwivalenti.
- Ma għandekx b'zonn bilfors ta' esperjenza professjonali.

**Ta' min tinnota li jitqiesu BISS id-diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew ċertifikat ta' ekwivalenza għal diploma universitarja li jkun ingħata mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.**

### III - KIF NINTGĦAŻEL?

#### 1) Il-proċess tal-applikazzjoni

Meta timla l-formola tal-applikazzjoni, l-Irlandiż trid tagħżlu bħala l-ewwel lingwa tiegħek u l-Ingliż bħala t-tieni lingwa. Tintalab ukoll tikkonferma l-eliġibbiltà tiegħek għall-proċedura tal-għażla, u tagħti aktar informazzjoni li tkun *rilevanti għall-proċedura* (pereżempju: diplomi).

Tista' tagħżel li timla l-formola tal-applikazzjoni jew bl-Ewwel Lingwa (l-Irlandiż) jew bit-Tieni Lingwa (l-Ingliż).

Meta tivvalida l-formola tal-applikazzjoni tiegħek tkun qed tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha msemmija fit-Taqsima “Jien eliġibbli biex napplika?” ***Ladarba tkun invalidajt il-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ma tkun tista' tiddel xejn minnha. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-applikazzjoni tiegħek sal-iskadenza.***

#### 2) Verifiki tal-eliġibbiltà

Ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima “Jien eliġibbli biex napplika?” ta' hawn fuq se jitqabblu mad-*data* li tkun ingħatat fl-applikazzjonijiet online tal-kandidati. L-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti (AACC) se tivverifika jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà, filwaqt li l-Kumitat tal-Għażla jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibbiltà taħt it-Taqsima “Edukazzjoni u Taħriġ”, tal-applikazzjoni onlajn tal-kandidati.

#### 3) Testijiet preliminari: Testijiet tar-Reviżjoni u tat-Traduzzjoni

Jekk tkun ivvalidajt l-applikazzjoni tiegħek sal-iskadenza u tissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà skont id-*data* fl-applikazzjoni online tiegħek, int tkun mistieden tagħmel żewġ testijiet ***bl-ewwel u bit-tieni lingwa*** f'wieħed miċ-ċentri akkreditati tal-EPPO:

- It-test tar-Reviżjoni** (twil 30 minuta): Jikkonsisti minn reviżjoni ta' test tradott għall-Ewwel Lingwa (l-Irlandiż) mit-Tieni Lingwa (l-Ingliż) bl-użu ta' dizżjunari mhux elettroniċi (fil-furmat stampat fuq il-karta) tal-kandidati.

**It-test tar-Reviżjoni jingħata marka minn 0 sa 80 punt, il-marka minima meħtieġa biex tgħaddi hija ta' 40 punt.**

- It-test tat-Traduzzjoni** (twil 90 minuta): Jikkonsisti minn traduzzjoni ta' test tradott għall-Ewwel Lingwa (l-Irlandiż) mit-Tieni Lingwa (l-Ingliż) bl-użu ta' dizżjunari mhux elettroniċi (fil-furmat stampat fuq il-karta) tal-kandidati.

**It-test tat-Traduzzjoni jingħata marka minn 0 sa 80 punt, il-marka minima meħtieġa biex tgħaddi hija ta' 40 punt.**

***Jekk ma tilħaqx il-marka minima meħtieġa biex tgħaddi t-test tar-reviżjoni, it-traduzzjoni tiegħek ma tingħatax marka.***

Għall-intervista jiġu mistiedna **madwar 3 darbiet** l-għadd ta' kandidati li jridu jiġu impjegati minn dawk kollha li jkunu għaddew mit-testijiet.

#### **4) Intervista**

Jekk tkun ġibt **marka globali minn ta' quddiem** fit-testijiet tar-Reviżjoni u tat-Traduzzjoni, tiġi mistieden għall-intervista li ssir **biż-żewġ lingwi**.

**L-Intervista:** L-intervista ssir bl-ewwel u bit-tieni lingwa biex jiġu evalwati:

- il-ħiliet u l-kompetenzi professjonali tiegħek
- l-għarfien ġenerali tiegħek ta' kwistjonijiet marbutin mal-UE
- il-kapaċità tiegħek li taddatta ruħek għal ambjent multikulturali.

**L-intervista tingħata marka minn 0 sa 20 punt, il-marka minima meħtieġa biex tgħaddi hi ta' 10 punti.**

Sakemm ma tingħatax struzzjonijiet oħra, trid iġġib miegħek stikka USB elettronika li jkun fiha l-kopji skenjati tad-dokumenti ta' prova tiegħek għall-intervista. Waqt l-intervista, l-EPSCO jniżżel il-fajls tiegħek u jagħtik l-istikka tal-USB lura dakinhar stess.

Il-marki li iġġib fl-intervista jingħaddu flimkien ma' dawk li tkun ġibt fit-testijiet preliminari biex tinkiseb il-marka globali.

#### **5) Lista tal-Kompetenza**

Wara li jivverifika d-dokumenti ta' prova tal-kandidati bi tqabbil mal-informazzjoni li jkunu taw fil-formola tal-applikazzjoni online tagħhom, il-Kumitat tal-Għażla jistabbilixxi **lista ta' nies bil-kompetenza** - sakemm jintlaħaq l-għadd meħtieġ ta' kandidati li għaddew b'waħda mill-ogħla marki globali wara t-testijiet u l-intervista, minn fost il-kandidati eliġibbli kollha li jkunu għaddew billi għabu l-marka minima biex jgħaddu. Jekk ikun hemm kandidati li kisbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli f'din il-lista, dawn kollha jiddaħħlu fil-lista. L-ismijiet jiġu elenkati f'ordni alfabetika.

Il-listi tal-kompetenza tal-kandidati li jgħaddu se jkunu disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea għall-proċeduri ta' reklutaġġ u l-iżvilupp tal-karriera fil-futur. Il-lista tibqa' valida għal sentejn (2) u din il-validità tista' tittawwal. L-inklużjoni f'lista tal-kompetenza **ma tagħti l-ebda dritt jew garanzija** li persuna tiġi rreklutata.

## **IV - OPPORTUNITAJIET INDAQS U ARRANĠAMENTI SPEĊJALI**

L-EPSCO jagħmel l-almu tiegħu biex jagħti opportunitajiet, trattament u aċċess ugwali lill-kandidati kollha.

Jekk għandek xi diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' taffettwa l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek bżonn.

Jekk diżabbiltà jew kundizzjoni tiżviluppa wara li tkun ivvalidajt l-applikazzjoni tiegħek, trid tinforma lill-EPPO malajr kemm jista' jkun billi tuża l-informazzjoni ta' kuntatt indikata hawn taħt.

Innota li jkollok tibgħat ċertifikat mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku lill-EPPO sabiex titqies it-talba tiegħek.

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lill-EPPO-accessibility team:

- bil-posta elettronika ([EPPO-accessibility@ec.europa.eu](mailto:EPPO-accessibility@ec.europa.eu));
- bil-fax (+32 2 299 80 81); jew
- bil-posta: European Personnel Selection Office (EPPO)  
EPPO accessibility  
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Immarka din il-korrispondenza b'mod ċar bil-kliem “**EPPO accessibility**”, u aġti **ismek, in-numru tal-proċedura tal-għażla u n-numru tal-applikazzjoni tiegħek**.

Id-dokumenti ta' prova tiegħek jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ b'każ u fejn ikun ġustifikat, fid-dawl kemm tal-evidenza ppreżentata kif ukoll tal-prinċipju tat-treatment ugwali tal-kandidati, jistgħu jiġu offruti arranġamenti speċjali mill-EPPO fil-limiti ta' dak li hu meqjus raġonevoli.

## **V - META NISTA' NAPPLIKA, U FEJN?**

Trid tapplika online fis-sit tal-EPPO <http://jobs.eu-careers.eu> sa:

***17.03.2020 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.***

L-applikazzjoni tiegħek trid tiġi ppreżentata mill-profil tal-EPPO tiegħek permezz tal-formola tal-applikazzjoni online, billi ssegwi l-istruzzjonijiet fuq is-sit web tal-EPPO rigward l-istadji varji tal-proċedura.

Jekk ma għandekx profil tal-EPPO jentieġ li toħloq wieħed billi ssegwi l-istruzzjonijiet għall-ħolqien ta' profil fis-sit web tal-EPPO [www.eu-careers.eu](http://www.eu-careers.eu)

Irid ikollok indirizz tal-email validu u int responsabbli biex iżżommu aġġornat u għall-aġġornament tad-dettalji tiegħek fil-profil tal-EPPO tiegħek.

Ladarba tkun ivvalidajt il-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ma tkun tista' tibdel xejn minnha.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-applikazzjoni tiegħek sal-iskadenza stabbilita għal din is-sejħa għall-espressjonijiet tal-interess.



## ANNEX I

### **1. KOMUNIKAZZJONI MAL-KANDIDATI:**

Ladarba l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet irreġistrata, tista' ssegwi l-progress ġenerali tal-proċedura tal-għażla billi tikkonsulta s-sit web tal-EPPO <http://jobs.eu-careers.eu>

L-informazzjoni individwali tkun disponibbli **biss fil-profil tal-EPPO tiegħek**.

Dan huwa l-każ b'mod partikolari għal:

- Riżultati tal-eliġibbiltà;
- It-testijiet tar-Reviżjoni u tat-Traduzzjoni u l-Intervista: stedina u riżultati.

**Trid tikkonsulta l-profil tal-EPPO ttiegħek b'mod regolari, minn tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa.** Il-kandidati huma responsabbli biex jagħgornaw l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku tagħhom fuq il-profil tal-EPPO.

**Fil-korrispondenza kollha trid tagħti ismek kif ktibtu fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek, in-numru ta' referenza tal-proċedura tal-għażla u n-numru tal-applikazzjoni.**

**Il-lingwa li tintuża għall-komunikazzjoni bejn l-EPPO u l-kandidati li jkunu ressqu applikazzjoni valida tkun it-tieni waħda (l-Ingliż).**

#### **1.1. Żvelar awtomatiku**

Wara kull stadju tal-proċedura tal-għażla **tirċievi awtomatikament** l-informazzjoni li tidher hawn taħt:

- **Eliġibbiltà:** jekk ġejtx aċċettat; jekk le, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà li ma kinux issodisfati;
- **It-testijiet tar-Reviżjoni u tat-Traduzzjoni u l-Intervista:** ir-riżultati tiegħek.

#### **1.2. Informazzjoni fuq talba**

L-EPPO jagħmel ħiltu biex iqiegħed kemm jista' informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-kandidati, skont l-obbligu ta' motivazzjoni, in-natura kunfidenzjali tal-proċeduri tal-Kumitat tal-Għażla u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. It-talbiet kollha għall-informazzjoni jiġu evalwati fid-dawl ta' dawn l-obbligi.

Kull talba għall-informazzjoni trid tiġi sottomessa permezz tas-sit web tal-EPPO ([https://epso.europa.eu/help\\_mt](https://epso.europa.eu/help_mt)) fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji mill-ġurnata li ġew ippubblikati r-riżultati tiegħek.

### **2. KUMITAT TAL-GĦAŻLA**

Kumitat tal-Għażla jinħatar skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-politiki għall-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji (li attwalment qed jiġu riveduti) biex jagħżel l-aħjar kandidati skont ir-rekwiżiti stabbiliti fis-sejħa.

Il-Kumitat tal-Għażla jiddeċiedi wkoll dwar id-diffikultà tat-testijiet tar-reviżjoni u tat-traduzzjoni.

Id-deċiżjonijiet li jstabbilixxu l-membri tal-Kumitat tal-Għażla jiġu ppubblikati fil-websajt tal-EPPO <http://jobs.eu-careers.eu>

**Il-kandidati huma strettament ipprojbti milli jagħmlu ebda kuntatt, dirett jew indirett, mal-membri tal-Kumitat tal-Għażla, li jkun relatat mal-proċeduri tal-għażla. Kull ksur ta' din ir-regola jirriżulta fi skwalifika mill-proċedura tal-għażla.**

### 3. TALBIET, ILMENTI U APPELLI

#### 3.1. Kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi

Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-għażla, tiltaqa' ma' problema teknika jew organizzattiva serja, sabiex inkunu nistgħu ninvestigaw il-kwistjoni u nieħdu l-miżuri korrettivi, **informa lill-EPPO esklussivament** permezz tas-sit web tal-EPPO ([https://epso.europa.eu/contact/form\\_mt](https://epso.europa.eu/contact/form_mt)).

F'kull korrispondenza, agħti **ismek** (kif ktibtu fil-profil tal-EPPO tiegħek), **in-numru tal-applikazzjoni** tiegħek u **n-numru ta' referenza tal-proċedura tal-għażla**.

**Jekk il-problema tinqala' f'ċentru tat-testijiet:**

- avża lill-inviġilaturi immedjatament sabiex tinstab soluzzjoni fiċ-ċentru stess. F'kull każ, itlobhom jirreġistraw l-ilment tiegħek bil-miktub, u
- kkuntattja lill-EPPO mhux aktar tard minn **tlett (3) ijiem kalendarji** wara t-testijiet tiegħek permezz tas-sit web tal-EPPO ([https://epso.europa.eu/contact/form\\_mt](https://epso.europa.eu/contact/form_mt)), b'deskrizzjoni qasira tal-problema.

Għall-problemi li jseħħu barra ċ-ċentri tat-test (pereżempju, rigward il-proċess tar-reġistrazzjoni tat-test), segwi l-istruzzjonijiet fil-profil tal-EPPO tiegħek u fil-websajt tal-EPPO jew ikkuntattja lill-EPPO immedjatament permezz tas-sit web tal-EPPO ([https://epso.europa.eu/contact/forma\\_mt](https://epso.europa.eu/contact/forma_mt)).

Jekk jinqalgħulek xi problemi bl-applikazzjoni tiegħek, trid tikkuntattja lill-EPPO minnufih u fi kwalunkwe każ qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet permezz tas-sit web tal-EPPO ([https://epso.europa.eu/contact/form\\_mt](https://epso.europa.eu/contact/form_mt)). Mistoqsijiet mibgħuta inqas minn ħamest ijiem tax-xogħol qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet jistgħu ma jitwegħbux qabel l-iskadenza.

#### 3.2. Talbiet għal rieżami:

Tista' titlob rieżami ta' kwalunkwe deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Kumitat tal-Għażla/mill-Awtorità tal-Ħatra li tistabbilixxi r-riżultati tiegħek u/jew jiddeterminaw jekk tistax tkompli għall-istadju li jmiss tal-proċedura tal-għażla jew jekk intix eskluż.

It-talbiet għal rieżami jistgħu jkunu bbażati fuq:

- irregolarità materjali fil-proċess tal-proċedura tal-għażla; u/jew
- nuqqas ta' konformità, mill-Kumitat tal-Għażla jew mill-Awtorità tal-Ħatra mar-Regolamenti tal-Persunal, mas-sejħa, mal-annessi tagħha u/jew mal-każistika.
- **proċedura:** ikkuntattja lill-EPPO biss permezz tas-sit web tal-EPPO ([https://epso.europa.eu/forms/complaints\\_mt](https://epso.europa.eu/forms/complaints_mt));
- **lingwa:** bit-tieni lingwa tal-proċedura tal-għażla inkwistjoni;



- **id-data tal-iskadenza:** fi żmien **għaxart (10) ijiem kalendarji** mid-data li fiha d-deċiżjoni kkontestata ġiet ippubblikata fil-profil EPSO tiegħek;
- **tagħrif addizzjonali:** indika b'mod ċar id-deċiżjoni li tixtieq tikkontesta, u fuq liema bażi.

It-talbiet li jaslu wara l-iskadenza ma jiġux ikkunsidrati.

### 3.3 Proċeduri tal-Appell:

Tista' tressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Għandek tibgħat kopja waħda biss, b'wieħed mill-modi li ġejjin:

- bil-posta elettronika, preferibbilment f'format pdf, lill-kaxxa postali funzjonali HR MAIL E.2 ([HR-MAIL-E2@ec.europa.eu](mailto:HR-MAIL-E2@ec.europa.eu)) jew
- bil-fax lin-numru (32-2) 295 00 39 jew
- bil-posta lil SC11 4/57 jew
- ikkonsenjat personalment lil SC11 4/57 (bejn id-9.00 u 12.00 jew bejn is-14.00 u l-17.00).

Il-limitu ta' żmien ta' tliet xhur biex jinbada dan it-tip ta' proċedura (ara r-Regolamenti tal-Persunal <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20180101:MT:PDF>) jibda mill-ħin li tiġi nnotifikat dwar l-att li allegatament jippreġudika l-interessi tiegħek.

Innota li l-awtorità tal-ħatra m'għandhiex is-setgħa li tbiddel id-deċiżjonijiet ta' bord tal-ġhażla. Il-Qorti Ġenerali sostniet b'mod konsistenti li d-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdu minnha l-bordijiet tal-ġhażla mhix soġġetta għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja sakemm ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri tagħhom ma jkunux inkisru b'mod ċar.

### 3.4. Appelli ġudizzjarji

Bħala kandidat f'proċedura ta' ġhażla tal-aġenti temporanji, għandek id-dritt tippreżenta appell ġudizzjarju lill-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Ta' min wieħed jinnota li l-appelli kontra d-deċiżjonijiet li tiegħu l-Awtorità tal-ħatra, u mhux il-Kumitat tal-Ġħażla, ma jkunux ammissibbli quddiem il-Qorti Ġenerali sakemm ma jkunx ġie ppreżentat ilment amministrattiv minn qabel skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal (ara t-Taqsima 3.34). B'mod partikolari, hekk hu l-każ tad-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-kriterji ġenerali tal-eliġibbiltà, li jittieħdu mill-Awtorità tal-ħatra u mhux mill-Kumitat tal-Ġħażla.

L-arranġamenti għall-appelli ġudizzjarji huma kif ġej:

- **il-proċedura:** ikkonsulta s-sit web tal-Qorti Ġenerali (<http://curia.europa.eu/jcms/>).

### 3.5. L-Ombudsman Ewropew

Iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE jistgħu jippreżentaw ilment lill-Ombudsman Ewropew.

**Qabel ma tippreżenta lment lill-Ombudsman, l-ewwel trid tieħu l-passi amministrattivi x-xierqa mal-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati** (ara l-punti minn 3.1 sa 3.3 hawn fuq).

L-ilment lill-Ombudsman ma jestendix l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' lmenti jew appelli għudizzjarji amministrattivi.

L-arranġamenti għall-ilmenti lill-Ombudsman huma kif ġej:

- **il-proċedura:** ikkonsulta s-sit web tal-Ombudsman Ewropew (<http://www.ombudsman.europa.eu/>).

#### **4. SKWALIFIKA**

Tista' tiġi skwalifikat f'kull stadju tal-proċedura tal-għażla jekk il-Kumitat tal-Għażla / l-Awtorità tal-Ħatra jiskopru li int:

- ħloqt iktar minn profil tal-EPPO wieħed;
- ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà;
- għamilt dikjarazzjonijiet foloz jew mingħajr sostenn;
- ma rreġistrajtx jew ma qgħadx għal xi test wieħed jew iżjed li kellek toqgħod għalih(om);
- qarraqt waqt it-testijiet;
- ma ddikjarajtx fil-formola ta' applikazzjoni tiegħek il-lingwi meħtieġa f'din is-Sejħa, jew ma ddikjarajtx il-livelli minimi meħtieġa għal daww il-lingwi;
- ippruvajt tikkuntattja membru tal-Kumitat tal-Għażla b'mod mhux awtorizzat;
- inqast milli tinnotifika lill-EPPO b'possibbiltà ta' kunflitt ta' interess ma' membru tal-Kumitat tal-Għażla;
- iffirmajt jew ktibt marka distintiva fuq testijiet immarkati b'mod anonimu bil-miktub jew prattiċi.

Il-kandidati għar-reklutaġġ mill-istituzzjonijiet jew l-aġenziji tal-UE jridu juru l-ogħla livell possibbli ta' integrità. Il-frodi jew it-tentattivi ta' frodi jistgħu jesponuk għal penalitajiet u jippreġudikaw l-eliġibbiltà tiegħek għal proċeduri tal-għażla fil-futur.



## IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK

### **Din l-istqarrija ta' privatezza tipprovdi l-informazzjoni dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* personali tiegħek**

**Attività ta' pproċessar:** Sejħa għall-espressjonijiet ta' interess għall-Aġenti Temporanji mad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DGT) [nru ta' ref. COM/TA/AD/02/20 - TRADUTTURI TAL-LINGWA IRLANDIŻA]

**Il-Kontrollur tad-*Data*:** Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà: l-Unità HR.DDG.B.1  
"Għażla, Reklutaġġ u Tmiem tas-Servizz"

Referenza tar-reġistru: DPO-1964-2 / DPR-EC-01728.1

#### **Werrej**

- 1. Introduzzjoni**
- 2. Għaliex nipproċessaw id-*data* personali tiegħek? U kif nagħmluh dan?**
- 3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**
- 4. Liema hi d-*data* personali li niġbru u nkomplu nipproċessaw?**
- 5. Għal kemm żmien nibqgħu nżommu d-*data* personali tiegħek?**
- 6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?**
- 7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tintwera?**
- 8. X'inhuma drittijietek u kif tista' teżerċitahom?**
- 9. L-informazzjoni ta' kuntatt**
- 10. Fejn tista' ssib informazzjoni iktar dettaljata?**

## **1. Introduzzjoni**

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") hija impenjata li tiproteġi d-data personali tiegħek u li tirrispetta l-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tkompli tipproċessa d-*data* personali skont [ir-Regolament \(UE\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001).

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega għaliex nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, il-mod kif niġbru u nittrattaw id-*data* personali kollha li tingħata, kif ukoll kif niżguraw il-protezzjoni tagħha, kif dik l-informazzjoni tintuża, u liema drittijiet għandek b'rabta mad-*data* personali tiegħek. Tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek miegħu, tal-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

L-informazzjoni relatata ma' din l-operazzjoni ta' pproċessar "*Procédures de sélection d'agents temporaires organisées par la Commission pour des postes autres qu'encadrement ou conseil*". li saret mill-Unità HR.DDG.B.1 hija ppreżentata hawn taħt.

## **2. Għaliex nipproċessaw id-*data* personali tiegħek? U kif nagħmluh dan?**

L-għan tal-attività ta' pproċessar: Il-Kummissjoni Ewropea tiġbor u tuża l-informazzjoni personali tiegħek biex tippermetti lid-Direttorati Ġenerali parteċipanti jorganizzaw sejħa għal espressjoni ta' interess biex tiġi kkompilata lista ta' kandidati magħżula li jaqblu bl-aħjar mod mal-profil stabbilit fl-avviż tal-għażla. Kull kandidat jingħata b'mod individwali l-informazzjoni dwar id-diversi stadji tal-proċess tal-għażla.

Il-Kumitat tal-Għażla jipproċessa l-fajls tal-kandidati (li jinkludu d-*data* ta' identifikazzjoni, kif ukoll id-*data* ta' ammissibbiltà), ir-rapport motivat u l-lista tal-kandidati magħżula, iżda mingħajr ma jaħżinhom. Id-DG HR u d-Direttorati Ġenerali parteċipanti jipproċessaw u jaħżnu l-fajls tal-kandidati (inklużi dawk tal-kandidati li ma jkunux intgħażlu), ir-rapport motivat u l-lista tal-kandidati ammessi. Is-servizzi ta' DG HR jaħżnu l-fajls tal-kandidati magħżula, ir-rapport motivat u l-lista tal-kandidati magħżula.

Id-*data* personali tiegħek mhijiex se tintuża biex jittieħdu deċiżjonijiet b'mod awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili.

## **3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**

Nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, għaliex:

l-ipproċessar jenħtieġ għat-twettiq ta' komputu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni.

- L-ipproċessar għandu l-baži ġuridika li ġejja: [Regulation No 31 \(EEC\), 11 \(EAEC\), laying down the Staff Regulations of Officials and the Conditions of Employment of Other Servants of the European Economic Community and the European Atomic Energy Community.](#)
- [Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C\(2013\)9049 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji.](#)

## **4. Liema hi d-*data* personali li niġbru u nkomplu nipproċessaw?**

Sabiex titwettagq din l-operazzjoni ta' pproċessar, l-Unità HR.DDG.B.1 tiġbor il-kategoriji ta' *data* personali li ġejjin:

- Id-*data* personali (eż. *data* li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kandidati u l-kuntatt magħhom): il-kunjom, l-ewwel isem, id-*data* tat-twelid, il-ġeneru, in-nazzjonalità, l-indirizz tad-dar, l-indirizz tal-email, l-isem u n-numru tat-telefown ta' persuna ta' kuntatt li jintużaw f'każ li l-kandidat ma jkun disponibbli.
- L-informazzjoni li jagħtu l-kandidati skont is-sejħa għall-espressjoni ta' interess biex jiġi evalwat jekk jikkonformawx mal-profil li hu mfittex fis-sejħa (l-applikazzjoni, il-*curriculum vitae* u d-dokumenti ta' prova, b'mod partikolari d-diplomi u l-informazzjoni dwar l-esperjenza professjonali).
- L-informazzjoni individwali li tingħata lil kull kandidat matul id-diversi stadji tal-proċess tal-għażla.

Il-forniment tad-*data* personali huwa obligatorju biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għar-reklutaġġ stipulati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg li japplikaw għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. Waħda mill-konsegwenzi possibbli jekk ma tipprovdix id-*data* personali tiegħek, hija li ma tiġix ammess għall-istadji ta' qabel l-għażla u għall-għażla.

### **5. Għal kemm żmien nibqgħu nżommu d-*data* personali tiegħek?**

Il-Kummissjoni Ewropea żżomm biss id-*data* personali tiegħek għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-ġbir jew ta' aktar ipproċessar, kif ġej:

- il-fajls tal-kandidati magħżula jinżammu mill-Unità HR.DDG.B1 sakemm dawn jiġu rreklutati mill-Kummissjoni. Hekk kif jiġu rreklutati, il-fajls tal-għażla jinqerdu u jiġu ssostitwiti b'fajls personali.
- Meta l-kandidati magħżula ma jiġux irreklutati, il-fajls tal-għażla tagħhom jinżammu mill-Unità HR.DDG.B1 għal ħames snin wara l-għeluq tal-proċedura tal-għażla.
- Il-fajls l-oħra kollha tal-għażla jinżammu mid-DG HR u mid-Direttorati Ġenerali parteċipanti sakemm l-iskadenza għall-appelli tkun skadiet wara l-pubblikazzjoni tal-lista ta' kandidati ammessi (jew sakemm kwalunkwe proċedura prekontenzjuża jew ta' litigazzjoni sussegwenti tiġi ffinalizzata bl-għoti ta' deċiżjoni finali).

### **6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?**

Id-*data* personali kollha f'format elettroniku (e-mails, dokumenti, bażijiet tad-*data*, ġabriet tad-*data* mtellgħin, eċċ.) tinħażen fis-servers tal-Kummissjoni Ewropea. L-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha jitwettqu skont [id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE, Euratom\) 2017/46](#) tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tiproteġi d-*data* personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzattivi. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa biex jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-*data*, it-tibdil tad-*data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u min-natura tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali għall-persuni awtorizzati biss li jkollhom hteieġa leġittima ta' tagħrif għall-finijiet ta' din l-attività ta' pproċessar.

### **7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tintwera?**

L-aċċess għad-*data* personali tiegħek jingħat lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli mit-twettiq ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar u lill-persunal awtorizzat skont il-prinċipju tal-“hteieġa ta' tagħrif”. Dawn il-membri tal-persunal jirrispettaw il-ftehimiet statutorji, u meta jkun hemm bżonn, jirrispettaw ukoll ftehimiet addizzjonali tal-kunfidenzjalità.

L-informazzjoni li niġbru ma tingħata lil ebda parti terza, ħlief jekk sa ċertu punt u għal ċertu skop inkunu obligati nagħmlu dan bil-liġi.

### **8. X'inhuma drittijietek u kif tista' teżerċitahom?**

Inti għandek drittijiet speċifiċi bħala “suġġett tad-*data*” skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari, id-dritt li taċċessa, tikkoreġi jew tħassar id-*data* personali tiegħek u d-dritt li tillimita l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek. Fejn japplika, għandek ukoll id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tiegħek jew għad-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Id-*data* marbuta mal-kriterji ta' ammissibbiltà ma tistax tinbidel wara d-*data* tal-għeluq tal-applikazzjoni. Id-dritt ta' rettifika ma jistax jiġi eżerċitat wara d-*data* tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għaliex dan jista' jinfluwenza r-risultat tal-għażla.

Għandek id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a).

Tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, jew f'każ ta' kunflitt, lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk ikun hemm bżonn, tista' tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Intestatura 9 hawn taħt.

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta' attività ta' pproċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek ipprovdvi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-referenza/i tar-Reġistri tagħhom kif speċifikat fl-Intestatura 10 hawn taħt).

## **9. L-informazzjoni ta' kuntatt**

### **- Il-Kontrollur tad-*Data***

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-*data* personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, Unit HR.DDG.B.1, [HR-B1-GDPR@ec.europa.eu](mailto:HR-B1-GDPR@ec.europa.eu).

### **- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni (UPD)**

Fil-każ ta' kwistjonijiet marbuta mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* ([DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu](mailto:DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu)).

### **- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS)**

Għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ([edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)) jekk jidherlek li d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 inkisru minħabba l-ipproċessar tad-*data* personali mill-Kontrollur tad-*Data*.

## **10. Fejn tista' ssib informazzjoni iktar dettaljata?**

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni (UPD) jippubblika r-reġistru tal-attivitajiet kollha ta' pproċessar tad-*data* personali mill-Kummissjoni, li jkunu ġew dokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru bil-link li ġej: <http://ec.europa.eu/dpo-register>.

Din l-attività ta' pproċessar speċifika ddaħħlet fir-reġistru pubbliku tal-UPD bir-Referenza tar-Reġistru li ġejja: DPO-1964-2/DPR-EC-01728.1- *Procédures de sélection d'agents temporaires organisées par la Commission pour des postes autres qu'encadrement ou conseil*.

